**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2018**

**Rikors Guramentat Numru:- 1/2017JVC**

**Emanuel Vella u Jane Vella**

**vs**

**Tas-Sajku Poultry Products Limited li b'digriet tad-9 ta' Frar 2017, l-Avukat Dottor Kevin Mompalao gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirraprezenta lis-socjeta intimata.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li ppremettew:

Illi r-rikorrenti konjugi Vella huma azzjonisti tas-socjeta' intimata debitament registrata fir-Registru tal-Kumpanija bin-numru C 23745;

Illi huma qeghdin jipprezentaw dan ir-rikors ai termini tal-artikolu 214(2)(a)(i)(ii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi s-socjeta' intimata kienet tiggestixxi negozju tat-trobbija, bejgh, qtil ta' tjur, u ppakkjar ghall-bejgh ta' diversi prodotti tat-tjur;

Illi s-socjeta' intimata sabet ruhha f'diffikultajiet finanzjarji kbar wara li ghamlet investiment qawwi biex tirristruttura u tirriorganizza n-negozju taghha biex jigi konformi mal-istandards ewropej konsegwenti ghad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, bil-konsegwenza li n-negozju taghha kellu jigi sospiz wara li l-Bank HSBC Bank Malta plc, li minghandu l-kumpanija kienet isselfet somom kbar ta' flus ghall-fini nfraskritta, kien beda proceduri gudizzjarji kontra taghha biex jirkupra l-flus li kien silef lill-kumpanija bl-imghax minhabba li l-kumpanija kienet giet fi stat li ma setghetx tibqa' tonora l-pagamenti lura tas-self u kienet waqghet lura fil-

hlasijiet. Kredituri ohra tal-kumpanija kienu wkoll hadu passi biex jirkupraw il-flus minhabba d-djun li l-kumpanija kellha maghhom. In-negozju ilu sospiz ghall-perjodu bla waqfien ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar u n-numru tal-VAT tal-kumpanija MT 1290-1621 kien gie wkoll deregistrat;

Illi l-kumpanija ntimata spiccat f'sitwazzjoni fejn hija ma tistax thallas id-djun taghha. Il-kumpanija ntimata ghandha fil-fatt diversi kredituri li ghad baqalhom jiehdu hlasijiet minghandha kemm minhabba bejgh u negozju iehor li kienu ghamlu maghha u hlasijiet ohra li kienu saru dovuti mill-kumpanija konnessi mal-operat taghha kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tar-Rikors, u li l-kumpanija spiccat m'ghandhiex flus biex tonorahom;

Illi l-kumpanija m'ghandhiex assi sufficjenti biex tissodisfa dawn id-djun, tenut kont ukoll tal-passiv kontingenti u prospettiv tal-kumpanija;

Illi fid-dawl tal-premess ghaldaqstant jezistu c-cirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 214(2)(a)(i)(ii) tal-Kap. 386 sabiex il-kumpanija ntimata tigi stralcata;

Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeciedi li n-negozji tal-kumpanija ilu sospiz ghall-perjodu bla waqfien ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar;

(ii) Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta' intimata m'hijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha;

(iii) Konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess socjeta' intimata a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(i) u/jew (ii) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta;

(iv) Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar stralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 386.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuratur deputat l-avukat Dr. Kevin Mompalao li b'digriet tad-9 ta' Frar 2017 gie mahtur kuratur deputat

sabiex jirraprezenta lill-kumpanija Tas-Sajku Poultry Products Limited illi eccepixxa:

1. Illi qabel xejn irid jigi stabbilit r-raguni ghalfejn din il-kumpanija waslet f'dan l-istat u jekk hemmx responsabilitajiet ta' hlasijiet li ghandhom jinkombu fuq id-diretturi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, mill-bqija rigwardanti l-fatti speci u dettalji tal-kaz l-esponenti ma huwiex edott minn dawn u ma ghandux access ghall-kotba tal-kumpanija u ghalhekk jirriserva li jirrispondi ulterjorment wara li l-fatti u dettalji jkunu maghrufa lilu.

   Salvi eccezzjonijiet u risposti ulterjuri.

Rat id-dokumenti, xhieda, affidavits u l-atti kollha tal-process;

Rat l-atti annessi tas-subbasti 18/2012 u 17/2012 kif ammessi permezz ta' digriet fil-verbal tat-28 ta' Gunju, 2017;

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Novembru, 2017 il-kawza giet differita ghad-decizjoni ghal-lum;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-mertu tat-talbiet, din hija kawza fejn qed issir talba sabiex din il-Qorti tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenti tal-kumpanija ntimata skont l-artikolu 214 tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba qed issir mir-rikorrenti bhala azzjonisti tal-kumpanija ntimata u dan huwa permissibbli ai termini tal-artikolu 218 (1) (c) tal-Kap 386.

Illi fil-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 214, il-ligi telenka liema huma c-cirkostanzi fejn il-qorti tista' xxolji kumpanija u tordna l-istralc taghha u fil-kaz odjern, ir-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq is-sub-incizi (i) u/jew (ii). Dawn is-subincizi jiddisponu li kumpanija tista' tigi xjolta u stralcjata mill-Qorti:

'(i) jekk in-negozju tal-kumpanija jkun sospiz ghall-perjodu bla waqfien ta' erbgha u ghoxrin xahar;

(ii) il-kumpanija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha;

Illi l-artikolu 214(5) jistabilixxi meta kumpanija titqies li ma tkunx tista' thallas id-djun taghha ghall-finijiet ta' l-artikolu 214(2)(a)(ii). Is-sub-artikolu(5) jaqra kif isegwi:

'(*a*) jekk id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artikolu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; jew

(b) jekk id-dejn dovut mill-kumpanija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpanija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili'.

Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Axel Johnson International Ab vs Aluminium Extrusions Limited**[1] li rriteniet:

*'Hu car mil-ligi li taht is-subartikolu 214(1)(a) il-Qorti 'may' exercise its discretion in determining whether dissolution and winding up should occur. Il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk is-sitwazzjoni tal-kumpanija hija tali li tiggustifika s-soluzzjoni li dina tigi wound up jew jekk ghad hemmx il-possibilita' li l-kumpanija tista' terga' topera fil-vicin u thallas id-djun taghha. Il-Ligi tghid li l-kumpanija tigi likwidata if it is proved to the satisfaction of the Court that the company is unable to pay its debts, account being taken also of contingent and prospective liabilities of the company. Din ta' l-ahhar kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-balance sheets wara li jigi kunsidrat jekk l-assets are less than its liabilities. Izda 'it is not sufficient for the company to be able to meet its current obligations if its total liabilities can ultimately be met only by the realisation of its assets over a lengthy period (Re: European Life Assurance Society 1869 LR 9 Eq 122). Ghalhekk m'hemmx raguni ghaliex il-kredituri ghandhom joqghodu jistennew sakemm il-kumpanija tbiegh l-assets taghha biex forsi xi darba jithalsu'.*

Illi mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:-

[1] Rik Nru: 145/2000GV deciza fit-28 ta' Mejju, 2003

1. Illi mill-affidavit tar-rikorrenti Emanuel Vella (fol. 83 sa 87 inkluzi dokumenti annessi) u ta' Jane Vella (fol. 102 sa 137 inkluzi dokumenti annessi) jirrizulta lil din il-Qorti li l-kumpanija in kwistjoni kienet giet originarjament iffurmata lura bejn is-snin 1999 u 2001 meta n-negozju ta' biccerija u bejgh tat-tjur kien sejjer tajjeb. Ghalkemm giet iffurmata il-kumpanija, il-biccerija minfejn din kienet topera kienet u baqghet proprjeta' tar-rikorrenti. Sabiex tilhaq l-istandards ewropej r-rikorrenti jsostnu li l-kumpanija ghamlet hafna dejn mal-banek izda bil-liberalizzazzjoni tas-suq konsegwenza tad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea l-prezzijiet tal-prodott taghhom baqghu jinzlu sabiex ikunu kompettivi w'ghalhekk il-kumpanija bdiet tmur lura konsegwenza li naqas id-dhul li ma bediex ilahhaq mal-ispejjez kbar u d-dejn. Fi kliem l-istess rikorrent lejn is-sena 2008:

'Il-liberalizzazzjoni tas-suq kienet daqqa mortali ghall-kumpanija. Il-profitti bdew niezla b'mod drastiku, il-bejgh naqas konsiderevolment, l-imghax mal-Bank ma bdietx tlahhaq mieghu u f'temp ta' sentejn jew tliet snin il-kumpanija spiccat f'sitwazzjoni li ma setghetx tlahhaq aktar mal-hlasijiet tad-djun taghha u tal-imghaxijiet.'

Ir-rikorrenti jikkonfermaw li tant il-kumpanija marret hazin li l-bank HSBC Bank Malta plc, wara li huma ffirmaw kostituzzjoni ta' debitu u ghamlu tajjeb personalment ghad-dejn tal-kumpanija bil-proprjeta' personali taghhom fosthom id-dar residenzjali u l-biccerija, fis-sena 2012 mexxa bis-subbasti ta' dawn iz-zewg proprjetajiet. Jirrizulta li l-biccerija nbieghet bis-subbasta u r-rikavat qata' parti mid-dejn tal-kumpanija filwaqt li pendenti s-subbasta d-dar residenzjali tar-rikorrenti nstab il-bejgh taghha u bi ftehim mal-bank din inbieghet sabiex ukoll ghamlet tajjeb ghad-dejn tal-kumpanija (ara fost ohrajn l-atti annessi tas-subbasti numri 17 u 18 tas-sena 2012 u l-ittri ufficjali esebiti a fol 87 et seq tal-process).

Iz-zewg rikorrenti jikkonfermaw li l-kumpanija ilha fi stat ta' falliment ghal madwar seba'/tmien snin.

2. Illi mix-xhieda ta' Brian Baldacchino (fol. 48 sa 53) in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta Plc jirrizulta li l-ahhar pagament li sar mill-kumpanija fuq id-djun taghha kien fit-28 ta' Marzu, 2011. Jikkonferma wkoll li sad-data tax-xhieda tieghu kien baqa' dejn ta' €81,356 u €9419.22

Isostni li dejn iehor ammontanti ghal €119,440.33 thallas fi Frar 2015 rizultat li nqabdet u nbieghet proprjeta' personali tal-garanti u cioe' r-rikorrenti odjerni.

Mid-dokumenti li gew esebiti mir-rikorrenti a fol. 152 sa fol. 227 tal-process jirrizulta li l-bilanci li jidhru li ghadhom dovuti lill-Bank HSBC Bank Malta plc sad-data li gew prezentati kien dak ta' €227,039.68. Mill-istess dokumenti jirrizulta li l-ahhar pagament li sar mill-kumpanija ntimata qabel il-pagamenti li dahlu mis-subbasti u l-bejgh tar-residenza personali tar-rikorrenti kien f'Marzu, 2011 (fol. 157, fol. 161 u fol. 163). L-istess dokumenti jevidenzjaw li t-transazzjonijiet tal-kumpanija tramite l-kontijiet bankarji waqfu f'Marzu, 2011.

Illi a fol. 240 et seq tal-process gew esebiti kopja ta' rikors u digriet recenti li jawtorizza lill-HSBC Bank Malta plc ikompli jesegwixxi t-titolu ezekuttiv favur tieghu kontra r-rikorrenti odjerni emanenti mill-kostituzzjoni ta' debitu datata 4 ta' Settembru, 2009 wara li gia kien esegwixxa parti minnu permezz tas-subbasti annessi u l-bejgh tad-dar residenzjali tal-rikorrenti.

3. Illi mix-xhieda ta' Pierre Galea (fol. 54 – 63 dokumenti inkluzi u fol. 90) direttur Manigerjali tal-Kumpanija Five F's Company Limited kreditrici tas-socjeta' intimata jirrizulta li l-ahhar pagament li sar mill-kumpanija ntimata lilhom kien fid-19 ta' Gunju, 2008 permezz ta' cekk ghall-ammont ta' €10,800. Jikkonferma wkoll li baqa' bilanc dovut ta' €6065.80 wara li saru pagamenti personalment mir-rikorrenti. Jikkonferma wkoll li kwalunkwe pagamenti ohra li saru lill-kumpanija rapprezentata minnu sar mir-rikorrent Emanuel Vella personalment u mhux f'isem il-kumpanija.

4. Illi mix-xhieda ta' Grace Cilia (fol. 64 – 74 dokumenti inkluzi) direttur tal-kumpanija Ta' Smina Poultry Products wkoll kreditrici tas-socjeta' intimata jirrizulta li l-kumpanija ntimata kienet tixtri t-tigieg minghandhom u li l-bilanc sal-ahhar pagament li sar f'Marzu tas-sena 2009 kien dak ta' €107,172. L-istess xhud tikkonferma li l-pagamenti li saru wara saru mir-rikorrenti Jane Vella personalment u mhux f'isem il-kumpanija b'dana li l-bilanc rimanenti llum huwa ta' €82,793. Tikkonferma fil-fatt li fis-sena 2009 u 2010 kien hemm diversi cekkijiet tal-kumpanija li ma ssarfux stante li ma kienx hemm fondi.

5. Illi mix-xhieda ta' Joseph Galea (a fol. 92 – 97 tal-process u fol. 231 et seq) rapprezentant tal-Kumpanija Value Foods Limited kreditrici tal-kumpanija ntimata, liema kumpanija hija wkoll fin-negozju tat-tjur, jirrizulta li l-ahhar li ghamlet pagamenti l-kumpanija ntimata kien f'Settembru tas-sena 2009 u li konsegwentement il-pagamenti li dahlu wara saru mir-rikorrenti Jane Vella f'isimha personali permezz ta' kontanti. Jikkonferma li l-kumpanija tieghu hija kreditrici tal-kumpanija ntimata ghas-somma ta' €25,026.47 apparti s-somma li thalset minn Jane Vella personalment. Jikkonferma wkoll li l-ahhar cekkijiet li gew onorati mill-kumpanija ntimata kienu lejn is-sena 2008 u li f'dak iz-zmien ic-cekkijiet bdew jigu ritornati 'refer to drawer' (ara l-kopji a fol. 239 tal-process).

6. Illi mix-xhieda tal-'accountant' Malcolm Meilak (a fol. 139 -142 tal-process) jirrizulta li huwa beda jagixxi bhala 'accountant' tal-kumpanija ntimata sa mis-sena 2010. Jikkonferma wkoll li fis-sena 2014 waqfu l-pagamenti kollha mill-kumpanija ntimata lill-kredituri. Jixhed li l-kumpanija *per se* ma kellhiex assi mmobbli stante li anki l-biccerija kienet proprjeta' personali tal-azzjonisti rikorrenti odjerni.

7. Illi mix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Carmelo Galea (fol. 143 –145) bhala rapprezentant tal-MFSA u mid-dokumenti esebiti minnu (fol. 146) jirrizulta li l-ahhar kontijiet annwali li gew prezentati mill-kumpanija ntimata kienu dawk tas-sena 2008 prezentati fis-26 ta' Novembru, 2009 u jikkonferma li minn dak iz-zmien 'il qudddiem ma gew prezentati l-ebda 'Annual financial statements' u li hemm hafna multi dovuti mis-socjeta' intimata minhabba dawn in-nuqqasijiet. Jispjega wkoll li r-rapporti annwali li jigu prezentati kull sena (l-ahhar li gew prezentati kien fis-sena 2015) ma jurux l-istat finanzjarju tal-kumpanija (fol. 146).

Illi mis-suespost din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li mill-provi akkwiziti rrizulta li n-negozju tal-kumpanija ilu sospiz□ bla waqfien mill-anqas mis-sena 2011 sal-lum. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' intimata ghandha dejn li jmur lura anki ghas-snin 2008/2009 u baqghet ma halsitx id-dejn taghha sal-lum u rrizulta li d-dejn tas-socjeta' intimata jizboq bil-kbir l-assi taghha li prattikament jidher li huma nezistenti u ghalhekk mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha. Jirrizulta wkoll lil din il-Qorti li l-azzjonisti rikorrenti qed jaghmlu tajjeb ghal bosta mid-dejn tal-kumpanija ntimata. Apparti minn hekk jirrizulta li s-socjeta' intimata giet notifikata b'diversi atti ai termini tal-artikolu 273 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet

ta' Malta lura fis-sena 2011 u anki sussegwentement. Jirrizulta wkoll lill-Qorti li ma hemm l-ebda possibilita' li l-kumpanija terga topera fil-vicin lanqas li thallas id-djun taghha. Ghalhekk din il-Qorti hija sodisfatta li jirrizultaw l-elementi kollha li trid il-ligi sabiex tipprocedi ghax-xoljiment u stralc tal-kumpanija ntimata skont l-artikolu 214(2)(a) (i) u (ii) tal-Kap 356.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti kif gej :

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeciedi li n-negozju tal-kumpanija Tas-Sajku Poultry Products Limited (C23745) ilu sospiz ghall-perijodu bla waqfien ta' aktar minn erbgha u ghoxrin xahar u dan ai termini tal-artikolu 214 (2) (a) (i) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpanija Tas-Sajku Poultry Products Limited (C23745) mhix f'qaghda li thallas id-djun taghha;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna x-xoljiment tal-kumpanija Tas-Sajku Poultry Products Limited (C23745) b'effett mil-lum ai termini tal-proviso ta' l-artikolu 223(1) u l-artikolu 214 (2) (b) (ii) tal-Kap 386 u tordna wkoll l-istralc taghha.

4. Tahtar lill-Avukat Dottor Jean Paul Grech bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kollha skont l-Art 228 et seq tal-Kap 386 b'dan illi l-istralcjarju ghandu wkoll, bla hsara ghall-generalita' ta' dawk is-setghat u dmirijiet –

    i. wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qaghda tal-kumpanija ntimata kif irid l-artikolu 226 tal-Kap 386 jaghmel rapport lill-Qorti kif irid l-artikolu 227 tal-Kap 386.

    ii. jaghmel verifika dwar l-assi u d-djun tal-kumpanija ntimata u dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

iii. jiehu taht il-kustodja jew kontroll tieghu l-assi kollha tal-kumpanija ntimata jekk ezistenti kif ighid u jrid l-artikolu 237 tal-Kap 386.

iv. jaghmel jew jiddefendi kull azzjoni jew procediment legali iehor fl-isem u fl-interess tal-kumpanija ntimata.

v. jirrelata dwar il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-assi tal-kumpanija ntimata.

vi. jipprezenta r-rapport tieghu mhux aktar tard minn tliet xhur mil-lum.

Bl-ispejjez kollha nkluz tal-istralcjarju, fic-cirkustanzi kif suesposti w in vista tal-fatt li r-rikorrenti huma l-unici azzjonistii tal-Kumpanija u ghalhekk kienu jafu ben tajjeb l-istat finanzjarju taghha, ghandhom jigu sopportati mill-istess rikorrenti.

Tiddifferixxi l-kawza ghall-prezentata tar-rapport ghall-15 ta' Mejju, 2018 fid-9.15a.m.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur